Victoria Seguna

Vs

Tropicana Hotel, u b'digriet datat 30 ta' Mejju 2023, l-okkju gie korrett ghal 'Dusk and Dawn Company Limited'

CCT 56/23/CC

Illum 20 ta' Gunju 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fid-29 ta' Marzu 2023, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €861 (tmien mija u wiehed u sittin ewro) rapprezentanti somma mhallsa minnha lil intimata, rigwardanti alloggar fil-lukanda 'Tropicana Hotel', Triq Ball, Paceville.

Ra li l-intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta. Fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2023 deher Frans Saliba in rapprezentanza ta' l-intimata, li ma ggustifikax l-istat ta' kontumacja in vista ta' nuqqas ta' intavolar ta' risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti tixhed bil-gurament fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li r-rikorrenti f'Mejju 2022 ghamlet prenotazzjoni fil-lukanda 'Tropicana Hotel', Triq Ball, Paceville, ghal qariba taghha, li kellha bzonn akkomodazzjoni ghax xahar ta' Awissu 2022. Ir-rikorrenti hallset l-ammont ta' €793 (seba' mija u tlieta u disghin ewro) mal-prenotazzjoni, u sussegwentement fit-12 ta' Awissu 2022 hallset ammont ulterjuri ta' €68 (tmienja u sittin ewro) rapprezentanti lejl iehor ta' akkomodazzjoni. Ir-rikorrenti tispjega li din ma kienetx akkomodazzjoni ghal vaganza, izda l-qariba taghha kienet tenhtieg li tkun Malta minhabba ragunijiet personali.

Illi r-rikorrenti tispjega li f'Awissu 2022, mal-wasla taghha Malta, l-qariba taghha sabet li l-lift tal-lukanda Tropicana ma kienx qieghed jiffunzjona. Hija kienet inghatat kamra sitwata fir-raba' sular, u ghalhekk kellha titla' u tinzel fil-kamra taghha bit-tarag. Ir-rikorrenti ssemmi wkoll li kien hemm xi problemi ohrajn fil-kamra assenjata lil qariba taghha, fosthom ilma niezel mis-sistema ta' l-arja kkundizzjonata u problema fis-sink, liema problemi gew rrangati. Illi r-rikorrenti tispjega li tul l-akkomodazzjoni imhallsa minnha ghal perjodu ta' erbatax-il gurnata, l-lift tal-lukanda baqa' ma jahdimx.

Illi jidher li r-rikorrenti gibdet l-attenzjoni ta' dan in-nuqqas mad-dirigenti tal-lukanda li in segwitu ghal diversi skambji anke permezz ta' email, Frans Saliba ghan-nom ta'l-operatur tal-lukanda Tropicana offra somma ta' €200 (mitejn ewro) lir-rikorrenti, sabiex jikkunpensa ghal inkonvenjent tan-nuqqas ta' lift. Dan jirrizulta mill-email datata 14 ta' Dicembru 2022 ezebita fl-atti u kkonfermata mill-partijiet.

Illi fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet, l-intimata ma ggustifikatx l-istat ta' kontumacja taghha u l-versjoni ipprezentata mir-rikorrenti ma hija bl-ebda mod kontradetta.

Illi inoltre t-Tribunal jinnota ulterjorment d-dokumentazzjoni dettaljata ipprezentata mir-rikorrenti, fejn il-versjoni tal-fatti tar-rikorrent hija ikkorraborata min tali dokumentazzjoni. Finalment it-Tribunal jirrimarka l-inkonvenjent li l-konsumatur kellha tesperjenza minhabba li l-lift ma kienx qieghed jiffunzjona tul il-perjodu kollu ta' l-alloggar.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielha tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lil l-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €861 (tmien mija u wiehed u sittin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimata.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru